Opinjoni tal-Kumitat konsultattiv dwar il-fużjonijiet mogħtija fil-laqgħa tiegħu tas-6 ta' Awwissu 2018 dwar abbozz ta' deċiżjoni relatat mal-Każ M.8480 — Praxair/Linde

Relatur: L-Ungerija

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 196/05)

Ġurisdizzjoni

1. Il-Kumitat Konsultattiv (tmien Stati Membri) jaqbel mal-Kummissjoni li t-tranżazzjoni notifikata tikkostitwixxi f'konċentrazzjoni fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20.1.2004 dwar il-kontroll tal-konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ("ir-Regolament dwar l-Għaqdiet") [1].

2. Il-Kumitat Konsultattiv (tmien Stati Membri) jaqbel mal-Kummissjoni li l-operazzjoni notifikata għandha dimensjoni tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 1(2) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

Definizzjoni tas-swieq

3. Il-Kumitat Konsultattiv (tmien Stati Membri) jaqbel mal-konklużjonijiet li saru mill-Kummissjoni fl-abbozz tad-Deċiżjoni fir-rigward tad-definizzjoni tal-prodotti u tas-swieq ġeografiċi rilevanti għal:

   a. Il-provvista ta' gassijiet industrijali;

   b. Il-provvista ta' gassijiet mediċi;

   c. Il-provvista ta' gassijiet ta' speċjalità;

   d. Il-provvista tal-elju;

   e. Il-provvista ta' impjanti ta' proċess u ta' komponenti ta' impjanti ta' proċess;

   f. Il-provvista ta' servizzi respiratorji fid-djar;

   g. Il-provvista ta' servizzi tal-kisi tal-wiċċ.

Il-valutazzjoni kompetittiva

4. Il-Kumitat Konsultattiv (tmien Stati Membri) jaqbel mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni li t-tranżazzjoni notifikata twassal għal impediment sinifikanti ta' kompetizzjoni effettiva bħala riżultat ta' effetti mhux koordinati orizzontali:

   a. Fis-swieq għall-provvista ta' gassijiet industrijali identifikati fit-Taqsima 8.14 tal-abbozz ta' Deċiżjoni;

   b. Fis-swieq għall-provvista ta' gassijiet mediċi identifikati fit-Taqsima 8.14 tal-abbozz tad-Deċiżjoni;

   c. Fis-swieq għall-provvista ta' gassijiet nobbli u ta' taħlitiet ta' gass nobbli identifikati fit-Taqsima 8.14 tal-abbozz ta' Deċiżjoni;

   d. Fis-swieq għall-provvista ta' gassijiet ta' speċjalità elettroniċi identifikati fit-Taqsima 8.14 tal-abbozz tad-Deċiżjoni;

   e. Fis-swieq għall-provvista ta' gassijiet kimiċi identifikati fit-Taqsima 8.14 tal-abbozz tad-Deċiżjoni;

   f. Fis-swieq għall-provvista ta' gassijiet ta' kalibrazzjoni u taħlitiet oħra ta' gassijiet identifikati fit-Taqsima 8.14 tal-abbozz tad-Deċiżjoni;

   g. Fis-suq għall-forniment bl-ingrossa tal-elju;

   h. Fis-swieq għall-forniment bl-imnut tal-elju identifikat fit-Taqsima 8.14 tal-abbozz tad-Deċiżjoni;

   i. Fis-swieq għall-provvista ta' servizzi respiratorji fid-djar fil-Portugall u fi Spanja.

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

5. Il-Kumitat Konsultattiv (tmien Stati Membri) jaqbel mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni li t-tranżazzjoni notifikata twassal għal impediment sinifikanti ta' kompetizzjoni effettiva bħala riżultat ta' effetti vertikali mhux koordinati fir-rigward tar-rabtiet vertikali bejn is-suq upstream għall-forniment bl-ingrossa tal-elju u s-swieq downstream għall-provvista bl-imnut tal-elju.

6. Il-Kumitat Konsultattiv (tmien Stati Membri) jaqbel mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni li t-tranżazzjoni notifikata mhix probabbli li twassal għal impediment sinifikanti għal kompetizzjoni effettiva minħabba:

   a. Effetti orizzontali mhux koordinati fis-swieq minbarra dawk indikati4;

   b. Effetti orizzontali koordinati;

   c. Effetti vertikali mhux koordinati minbarra dawk relatati mal-konnessjonijiet vertikali bejn is-suq upstream għall-forniment bl-ingrossa tal-elju u s-swieq downstream għall-provvista bl-imnut tal-elju.

Impenji

7. Il-Kumitat Konsultattiv (tmien Stati Membri) jaqbel mal-Kummissjoni li l-impenji finali offruti mill-Partijiet Notifikanti fl-10 ta' Lulju 2018 ineħħu kull xkiel sinifikanti għall-kompetizzjoni effettiva identifikati fl-abbozz tad-Deċiżjoni.

8. Il-Kumitat Konsultattiv (tmien stati Membri) jaqbel mal-Kummissjoni li, soġġett għall-konformità sħiħa mal-impenji finali offruti mill-Partijiet Notifikanti fl-10 ta' Lulju 2018, it-tranżazzjoni notifikata ma jidhirx li se tfixkel b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva fis-suq intern jew f'parti sostanzjali minnu.

Kompatibbiltà mas-suq intern u mal-Ftehim dwar iż-ŻEE

9. Il-Kumitat Konsultattiv (tmien Stati Membri) jaqbel mal-Kummissjoni li t-tranżazzjoni notifikata għalhekk trid tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern u mal-funzjonament tal-Ftehim dwar iż-ŻEE f'konformità mal-Artikoli 2(2) u 8(2) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet u l-Artikolu 57 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE.